

Brussell, 15 ta' Jannar 2026  
(OR. en)

5408/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0018 (NLE)**

---

---

INDEF 14  
POLMIL 21  
COPS 24  
ECOFIN 45  
FIN 69  
UEM 25  
FISC 17  
COMPET 60  
MAP 13  
IND 37

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	15 ta' Jannar 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 27 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-assistenza finanzjarja lil Spanja skont ir-Regolament (UE) 2025/1106

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2026) 27 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 27 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.1.2026  
COM(2026) 27 final

2026/0018 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-assistenza finanzjarja lil Spanja skont ir-  
Regolament (UE) 2025/1106**

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL**

**dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-assistenza finanzjarja lil Spanja skont ir-Regolament (UE) 2025/1106**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Kummissjoni nediet sejħa għal espressjoni ta' interess għall-assistenza finanzjarja skont l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (l-“instrument SAFE”), filwaqt li talbet lill-Istati Membri jipprevedu ammont ta' self massimu u minimu indikattiv. Sad-29 ta' Awwissu 2025, 19-il Stat Membru kienu esprimew interess li jiksbu assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2025/1106.
- (2) Fid-9 ta' Settembru 2025, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Istati Membri rikjedenti dwar l-allokazzjoni tentattiva tal-ammonti ta' self għal kull Stat Membru.
- (3) Fit-28 ta' Novembru 2025, Spanja ppreżentat talba f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (UE) 2025/1106 għal assistenza finanzjarja (it-“talba”) akkumpanjata minn pjan ta' investiment għall-industrija tad-difiża Ewropea (il-“pjan”).
- (4) Il-Kummissjoni vvalutat it-talba skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2025/1106.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2025/1106, il-pjan kien motivat u sostanzjat kif xieraq u kien jinkludi deskrizzjoni tal-prodotti tad-difiża u tal-prodotti l-oħra għall-finijiet tad-difiża.
- (6) Il-Kummissjoni sabet li t-talba tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2025/1106 għall-użu tal-istrument SAFE. B'mod partikolari, tiżgura li l-attivitajiet, in-nefjet u l-miżuri relatati mal-prodotti tad-difiża jew ma' prodotti oħra għall-finijiet tad-difiża jitwettqu permezz ta' akkwisti komuni jew akkwisti uniċi. Għandhom ukoll l-objettiv li jħaffu l-aġġustament tal-industrija tad-difiża għall-bidliet strutturali u/jew itejbu d-disponibbiltà f'waqtha tal-prodotti tad-difiża, u/jew jiżguraw l-interoperabbiltà u l-interkambjabbiltà madwar l-Unjoni.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 tas-27 ta' Mejju 2025 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża (ĠU L, 2025/1106, 28.5.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2025/1106/oj>).

- (7) Il-Kummissjoni sabet ukoll li t-talba fiha deskrizzjoni tal-miżuri pjanati maħsuba biex jiżguraw il-konformità mal-Artikolu 16 u mar-regoli tal-akkwist tar-Regolament (UE) 2025/1106, inkluża deskrizzjoni ta' kif għandha tiġi żgurata dik il-konformità.
- (8) B'riżultat ta' dan, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) 2025/1106, il-Kummissjoni tinsab f'pożizzjoni li tikkonferma li t-talba tikkonforma mal-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak ir-Regolament.
- (9) F'konformità mal-Artikolu 8(5) tar-Regolament (UE) 2025/1106, il-Kummissjoni qieset il-ħtiġijiet eżistenti u mistennija ta' Spanja kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont dak ir-Regolament diġà ippreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li tapplika l-prinċipju tat-trattament ugwali, tas-solidarjetà, tal-proporzjonalità u tat-trasparenza.
- (10) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligu u l-eżitu ta' kwalunkwe proċedura skont ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97<sup>3</sup>,
- (11) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għar-regoli rilevanti adottati skont l-Artikolu 322 tat-TFUE, b'mod partikolari r-Regolament Finanzjarju u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup>. F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament SAFE, jenħtieġ li l-ftehim ta' self jistabbilixxi l-miżuri xierqa kollha meħtieġa għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

It-talba għal assistenza finanzjarja skont l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tal-Istrument għat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża ppreżentata minn Spanja fit-28 ta' Novembru 2025 tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) 2025/1106, b'mod partikolari dawk fl-Artikolu 4, l-Artikolu 7(2) u l-Artikolu 16.

#### *Artikolu 2*

1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja self li jammonta għal massimu ta' EUR 1,000,000,000.00.
2. L-Unjoni għandha tagħmel l-appoġġ fil-forma ta' self disponibbli għal Spanja.

---

<sup>2</sup> Ir-Regolament (UE) 2024/1263 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2024 dwar il-koordinazzjoni effettiva tal-politiki ekonomiċi u dwar is-sorveljanza baġitarja multilaterali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 (ĠU L 2024/1263, 30.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1263/oj>).

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 6, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/oj>).

<sup>4</sup> Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024 u r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.  
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*